**15 ta' Frar, 1965**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Diego Attard, et ne.

*versus*

Angelo Fenech

**Preskrizjoni — Ġurament — Dekors Ta' — Soċjeta Kooperativa**

*Imiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita li tiddifferixxi l-ġurament lill-eċċipjenti. Jekk hi ma tiddifferixxix il-ġurament, il-Qorti ma tistax tordnah ex officio.*

*L-liġi tagħna b'disposizzjoni espressa, tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tiddekorri mill-ġurnata li fiha din l-azzjoni tista tiġi eżerċitata.*

*L-impossibilita li wieħed jaġixxi, trid tkun impossibilita indipendenti mill-volonta tiegħu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-sempliċi injoranza tad-dritt, fiha nnifisha mhix impediment ta' din ix-xorta.*

*Meta hemm bżonn il-permess tar-Reġistratur tal-Kooperattivi biex issir kawża bejn Soċjeta Kooperattiva u membru tagħha.*

Il-Qorti. Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut kien impjegat magħhom bħala

'salesman" u billi għall-perjodu li għalaq fil-wieħed u tlettin ta' Awissu, 1964 irriżulta mir-rendikont tal-ġestjoni tal-konvenut nuqqas ammontanti għal sitta u disgħin lira, sebgħa xelini (£96.7.0) skond id-detalji kontenuti f li statements annessi maċ-ċitazjoni (Dok. A u B) u hekk il-konvenut ġie inutilment mitlub iħallas — talbu illi l-istess konvenut ikun kundannat iħallas is-somma ta' sitta u disgħin lira u sebgħa xelini (£96.7.0) rappresentanti nuqqasijiet li jirriżultaw minn rendikont tal-ġestjoni tal-konvenut għall-perijodu li għalaq fil-wieħed u tlettin ta' Awissu, 1964 meta kien impjegat bħala salesman mal-atturi nomine skond id-Dokument A u B.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali u li għalhekk it-talba għandha tiġi miċħuda.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sitta u għoxrin ta Ġunju, 1964 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin (art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili) opposta mill-konvenut bl-ispejjeż kontra l-atturi u għalhekk ċaħdet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż wara li kkunsidrat:—

Illi l-konvenut kien impjegat bħala salesman mal-Kooperativa "Hadifa" sal-aħħar ta' Settembru 1955. Fost xogħol ieħor kien inkarigat mix-xiri u bejgħ tal-ġwies. Huwa kien jixtri l-ġwies, jittrasportah, ibiegħu kemm bil-voucher u kemm bla voucher, kien jagħti detalji tal-bejgħ li jagħmel lis-Segretarju tal-istess Kooperativa. Id-dettalji tal-vouchers kienu jiġu reġistrati fuq is-sales sheets u trasportati fil-ledger darba fix-xahar mis-segretarju stess. Li stock-taking isir fl-aħħar ta' Awissu ta' kull sena, billi s-sena finanzjarja tal-Kooperativa tibda fl-ewwel ta' Settembru.

L-atturi qegħdin jippretendu nuqqas da parti tal-kon-

venut għas-sena li għalqet f'Awissu, 1954. Iċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lill-konvenut fis-sbatax ta' Ottubru, 1959, u kif informa lill-Qorti d-difensur tal-atturi l-ittra uffiċjali tal-għaxra ta' Ġunju, 1959 ma kienetx ġiet notifikata lill-konvenut. Għalhekk bejn il-wieħed u tlettin ta' Awissu, 1954 u d-dsatax ta' Ottubru, 1959 għaddew aktar minn ħames snin. L-atturi pero jgħidu li l-preskrizzjoni ma mmaturatx għax huma ma setgħux jittendu bin-nuqqas, u kwindi ma setgħux jipproċedu kontra l-konvenut, ħlief wara l-egħluq tas-sena finanzjarja billi l-kontijiet ma jsirux immedjatament, u skond kif xehed Oscar Cesareo, Spettur tal-Kooperativa hemm bżonn minn erba' sa ħames xhur minn mindu jagħalqu l-kotba biex l-atturi joħorġu balance sheet. Skond Romeo Formosa rappresentant tar-Reġistratur tal-Kooperativi li stock-taking tal-Kooperativa in kwistjoni ssir mhux aktar tard mill-wieħed u tlettin ta' Awissu ta' kull sena minn żewġ senior inspectors: dawn jagħtu r-riżultat tagħhom lill-iskrivan ossija book-kooper tal-Kooperativa dik in-nhar ta' li stock-taking jew l-għada. Il-book-keeper joħroġ il-balance sheet wara li jkollu r-riżultat ta' li stock-taking u jissottomettieh lir-Reġistratur tal-Kooperativa għall-auditing.

Skond l-artikolu 2242 tal-Kodiċi Ċivili l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma' jittieħed qies tal-istat jew kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Issa l-initium praescriptionis jibda mill-exordum obligationis, minn meta cioe l-kreditu jibda jsir esiġibili (Ara Giorgi, Obbligazioni Vol. VIII P. 594, Lawrent Diritto Civile Vol. XXXII ,816 Baudry-Lacantinerie, Diritto Civile, Prescrizione para. 380, 381, 384).

Il-Qorti tara, gaħidaqshekk, illi l-eċċezzjoni ta' ħames snin (art. 2261 (f) Kod. Ċiv.) hija sostnuta. Il-konvenut jekk għamel xi nuqqasijiet kien soġġett għall-azzjoni relati-

va da parti tal-atturi u dawn setgħu jaġixxu kontra tiegħu anke qabel ma għalqet is-sena finanzjarja għaliex il-prinċipal għandu mezzi biex jiċċekkja l-operat tad-dipendenti tiegħu anke matul is-sena kollha u ma hemmx bżonn illi joqgħod jistenna sena tgħaddi biex jikkontrolla l-onesta jew il-kapaċita tad-dipendent tiegħu. Għalhekk is-salesman li jkun ikkommetta xi ammanki jista' jkun passibili ta' azzjoni kontra tiegħu appena jikkommetti dan in-nuqqas u jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ in partikolari l-atturi ma setgħux jittendu qabel l-aħħar tas-sena finanzjarja, bix-xhieda tar-Rappresentant tar-Reġistru tal-Kooperativi, ġie konstatat li rriżultat ta' li stock-taking jiġi mogħti lill-Accountant jew book-keeper tal-kooperativa dik in-nhar stess illi jsir li stock-taking jew l-għada, jiġifieri mhux aktar tard mill-ewwell ta' Settembru. Issa jekk l-atturi għal xi raġuni jew oħra jdumu ma joħorġu l-balance sheet, hija affari tagħhom, imma dan ma' jfisserx li l-obbligazzjoni tal-konvenuti tibda meta huma jlestu l-balance sheet. Huwa żgur illi ma kien hemm xejn li jimpedixxi lill-atturi illi jaġixxu qabel kontra l-konvenut. It-twelid tal-obbligazzjoni tal-konvenut ma jiddependix mill-grad ta' effiċjenza tat-tenitura tal-kotba jew mis-solerzja tal-kredituri.

Rat in-nota li biha l-atturi appellaw minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi revokata in kwantu akkoljiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ċaħdet it-talba tagħhom, billi, minflok, dik l-eċċezzjoni tiġi miċħuda u t-talba tagħhom tiġi milqugħa jew okkorrendo, il-proċess jiġi rinvijat lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-deċiżżjoni tal-meritu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-ilment ta' l-appellanti kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tieħu konsiderazzjoni ta' diversi punti mportanti għall-fini tad-dekorriment taż-żmien ta' ħames snin rikjest għall-kompliment tal-preskrizzjoni eċċepita mill-appellat. Inoltre l-appellanti ssottomettew ukoll, fil-petizzjoni ta' l-appell, illi l-appellat ma kkomfermax bil-ġurament tiegħu illi ma għandux jagħti a tenur ta' l-artikolu 2265 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

Huwa konvenjenti, qabel ma jiġu kkunsidrati l-ilmenti l-oħra ta' l-appellanti, li tiġi mwarrba min-nofs is-sottomissjoni tagħhom imsemmija fl-aħħar tal-paragrafu preċedenti. Il-preskrizzjoni eċċepita hi waħda minn dawk kontemplati fl-artikolu 2261. Skond l-artikolu 2265 (1) invokat mill-appellanti, il-preskrizzjonijiet, hekk imsejjħa qosra, kontemplati fl-artikoli 2252, 2253, 2254, 2261 u 2262, ma jkollhomx effett jekk il-parti li teċċepihom, meta jingħata lilha l-ġurament, ma tistqarrx illi mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

Ġie ritenut illi jmiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita (f'dan il-każ l-appellanti) li tiddefferixxi il-ġurament lill-eċċipjent. Jekk hi ma tiddefferrix il-ġurament, kif l-appellanti ma ddefferewhx fil-każ preżenti, il-Qorti ma tistax tordnah 'ex officio'. U la l-ġurament ma jkunx ġie diferit il-preskrizzjoni sseħħ anki mingħajru.

Kwantu għall-ilmenti l-oħra ta' l-appellanti l-Qorti kkunsidrat kif ġej:—

Wieħed mill-punti (u forsi l-iktar wieħed li nsistew fuqu fit-trattazzjoni orali) li l-appellanti jgħidu li ma ġiex meħud

in-konsiderazzjoni mill-ewwel Onorabbli Qorti għar-rigward tal-bidu tad-dekors taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni huwa illi l-kawża preżenti tirrigwarda kwistjoni bejn Soċjeta Kooperativa u membru tagħha: din il-kwistjoni kienet għalhekk regolabbli mill-Ordinanza numru XXXIV ta' l-1936: skond dik l-Ordinanza (art. 50 tagħha), biex il-kawża preżenti setgħat issir — qalu l-appellanti — kien hemm bżonn tal-permess tar-Reġistratur tal-Kooperativi: kwindi sa kemm dan il-permess ingħata, il-mixi tal-preskrizzjoni baqa sospiż.

Għall-korretezza għandu jingħad illi dan il-punt ma jidherx li ġie sollevat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, u għalhekk hu naturali li ma ġiex kunsidrat fis-sentenza appellata. Apparti minn dan, il-punt ma jidherx fondat.

Għad illi mill-kuntratt kostitutiv tas-soċjeta, eżibit b'ordni tal-Qorti f'din l-istanza; jidher illi ċertu 'Angelo Fenech', hemm imsemmi, kien wieħed mill-membri li kkostitwew issoċjeta fl-1946, m'hemm ebda prova fil-proċess illi Angelo Fenech, l-appellat, kien tassew membru tagħha fiż-żmien rilevanti cioe s-sena 1953-1954. Ankorke, pero, kellu jitqies illi l-appellat kien membru tas-soċjeta jew ex-membru dak iż-żmien, din il-kawża ma saretx kontra tiegħu f'dik il-kwalita. Għall-appartenenza tiegħu bħala membru mhemm assolutament ebda aċċenn la fiċ-ċitazzjoni jew fid-dikjarazzjoni annessa magħha, u anqas, kif ġa ntqal, f'ebda parti oħra fil-provi tal-proċess. Dak li hu allegat hu biss illi l-appellat "kien impjegat (mas-Soċjeta) bħala salesman:" dan tant fiċ-ċitazzjoni kemm fid-dikjarazzjoni; u hu f'din il-kwalita tiegħu ta' impjegat illi hu ġie mħarrek fil-kawża.

Għalhekk l-artikolu 50 ta' l-imsemmija Ordinanza, invokat mill-appellanti, ma hux fil-fehma tal-Qorti applikabbli. Skond dak l-artikolu għandhom jiġu riferiti lir-Reġistratur

għad-deċiżżjoni, il-kwistjonijiet konċernenti l-affarijiet tas-soċjeta li jqumu — fost każijiet oħra li m'humiex rilevanti — bejn membru jew ex-membru u s-soċjeta jew il-kumitat jew uffiċjal tagħha.

Għall-finijiet ta' din id-disposizzjoni talba da parti ta' soċjeta għal dejn jew pretensjoni oħra dovuti lilha minn membru jew ex-membru sew jekk dak id-dejn jew pretensjoni jkunu ammessi jew le, jitqiesu bħala kwistjoni konċernenti l-affarijiet tas-soċjeta.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, il-liġi f'din id-disposizzjoni qegħda tikkontempla kwistjonijiet bejn is-soċjeta jew il-kumitat u l-uffiċjali tagħha minn naħa l-waħda u l-membru jew ex-membru bħala tali minn naħa l-oħra dwar l-affarijiet tas-soċjeta: mentri, fil-każ preżenti, kif intqal, il-kwistjoni, kif avanzata mill-appellanti kontra l-appellat, tipprexindi għal kollox mill-kwalita ta' l-appellat bħala membru jew ex-membru, jekk din il-kwalita qatt kienet teżisti.

Ma ġiex pruvat anzi inqas allegat illi l-appellat, bħala 'salesman' impjegat mas-soċjeta, kien "uffiċjal" jew "funzjonarju" tagħha fit-termini tad-definizzjoni kontenuta fl-artikolu 2 ta' l-imsemmija Ordinanza.

Apparti minn dan, fil-każ preżenti anqas jidher bħala fatt li ġiet segwita l-proċedura kontemplata minn l-artikolu 50 ta' dik l-Ordinanza. Di fatti, meta fil-każijiet applikabbli tiġi riferita lir-Reġistratur kwistjoni kontemplata fis-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu r-Reġistratur jista'.

(a) jew jiddeċiedi l-kwistjoni hu stess; jew

(b) jirriferiha għad-deċiżżjoni lil arbitru jew arbitri skond ir-regolamenti.

Iżda jekk il-kwistjoni tinvolvi kwistjonijiet komplikati ta' liġi u ta' fatt, ir-Reġistratur jista', jekk jidhirlu, jissospendi l-proċeduri sa kemm il-kwistjoni tiġi maqtugħa b'kawża istitwita minn waħda mill-partijiet fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina. Jekk din il-kawża ma ssirx fi żmien sitt xhur mill-ordni tar-Reġistratur li bih ikun issospenda l-proċeduri, ir-Reġistratur jimxi biex jiddeċiedi l-kwistjoni kif jingħad hawn qabel.

Issa minn din il-proċedura ma jirriżulta li sar xejn fil-każ preżenti. Quddiem din il-Qorti ġew eżibiti ż-żewġ ittri tar-Reġistratur, datati rispettivament ħdax ta' Awwissu u ħmistax ta' Ottubru, 1958 — erba' snin u fuqhom wara s-sena in kwistjoni. Fl-ewwel ittra jingħad illi waqt ċ-"checking" tal-kontijiet tal-ġwies tas-soċjeta għas-sena 1953/1954 instabu xi nuqqasijiet; l-appellat ġie nfurmat u ġie mitlub jagħti l-ispjegazzjonijiet. Huwa naqas li jagħtihom u għalhekk ir-Reġistratur deherlu "li għandu jinforma (lill-President tas-Soċjeta) uffiċjalment bil-fatti kif huma sabiex huwa fil-kwalita tiegħu ta' President tas-Soċjeta flimkien mal-Kumitat jistħarreġ x'passi għandhom jieħdu sabiex l-interessi tal-membri tas-Soċjeta jiġu mħarsa."

It-tieni ittra tagħmel riferenza għal-ittra tas-Segretarju tas-Soċjeta tad-dsatax ta' Settembru — li ma ġietx eżibita. Tissemma deċiżżjoni tal-Kumitat rigward in-nuqqas in kwistjoni — li ma hux magħruf x'kienet. Imbagħad jingħad mir-Reġistratur: "irridek li tinforma l-Kumitat illi r-responsabbilta li jingabar il-valur ta' dan in-nuqqas mingħand Anglu Fenech, is-salesman, hija tagħhom biss u li jekk ikun hemm bżonn li jittieħdu xi passi legali kontra Anglu Fenech, biex jingabru dawn il-flus, dawn il-passi legali għandu jeħodhom il-Kumitat u mhux ir-Reġistratur."

Minn dana kollu jidher illi l-kwistjoni li tifforma l-oġ-

gett ta' din il-kawża qatt ma ġiet riferita lir-Reġistratur għad-deċiżżjoni tiegħu — kif kontemplat fl-imsemmi art. 50 u qatt ma kien hemm ebda ordni ta' sospensjoni tal-proċeduri quddiem ir-Reġistratur, kif ukoll kontemplat f'dak l-artikolu, biex il-kumitat jistitwixxi l-kawża quddiem il-Qorti. Ir-Reġistratur li suppost induna bin-nuqqas fil-kors taċ-checking tal-kotba li hu obbligat li jagħmel ipprova jgħin biex jekk jista' jkun jinduċi lill-appellat iħallas, imma din hi għal kollox ħaġa diversa mill-proċedura ravviżata f'dak l-artikolu. Għal kuntrarju b'dawk l-ittri r-Reġistratur in sostanza qal lill-Kumitat illi din il-kwistjoni ma kienetx biċċa tiegħu u kien għall-Kumitat li kellu u messu jara x'kellu jagħmel. U għaddiet sena oħra mill-ittri tar-Reġistratur sakemm ġiet preżentata ċ-ċitazjoni.

En passant il-Qorti ssibha pjuttost diffiċli li tikkonċilja dak li qal ir-Reġistratur fl-ittra tiegħu tal-ħmistax ta' Ottubru, 1958 dwar id-dover tiegħu, skond l-artikolu 16 ta' l-Ordinanza u l-artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Kooperativi, li mill-anqas darba fis-sena jiċċekkja l-kontijiet tas-soċjeta, u jekk isibhom mhux tajbin jibgħat rapport lill-Kumitat, naturalment sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex tiġi spjegata d-diskrepanza u biex jinġabar il-valur ta' xi nuqqas jekk ikun il-każ, ma l-ittra tiegħu datata, kif intqal erba snin wara l-iskadenza tas-sena in kwistjoni, li fiha, sa fejn jidher mill-provi, hu għall-ewwel darba attira l-attenzjoni tal-Kumitat għan-nuqqas in kwistjoni.

Fil-każ preżenti mela, l-imsemmi artikolu 50 ta' l-Ordinanza ma' jistax jiġi nvokat mill-appellanti għax mhux applikabbli għall-każ.

Dan apparti l-kwistjoni jekk dak l-artikolu, fil-fatt jimponix in-neċessita ta' awtorizzazjoni da parti tar-Reġistratur għall-istituzzjoni ta' proċeduri quddiem il-Qrati f'każijiet

bħal preżenti, u apparti l-kwistjoni l-oħra li dwarha l-Qorti ma jidhriliex li hemm għalfejn tippronunzja ruħha f'sens jew f'ieħor f'dan il-każ, suppost li dak l-artikolu jimponi dak in-neċessita, dan jimportax sospensjoni tal-preskrizzjoni rigward l-azzjoni ġudizzjarja.

It-tieni punt sottomess mill-appellanti huwa illi huma ma setgħux jiskopru n-nuqqasijiet lamentati, qabel ċertu żmien wara l-għeluq tas-sena in kwistjoni u dan għaliex — huma jgħidu — l-appellat qatt ma ta soddisfazzjon ta' l-operat tiegħu u ma ppreżentax rendikont: huma setgħu tal-volta kienu f'pożizzjoni li jkunu jafu xi 'stocks' kien hemm imma ma setgħux ikunu jafu jekk l-appellat kienx debitur jew le versu lejhom għaliex il-flus kienu f'idejh u huma setgħu jaċċertaw ruħhom bin-nuqqas wara li sar il-konteġġ tal-valur ta' li 'stocks' u l-għadd tal-flus li l-appellat suppost kellu f'idejh mir-rikavat tal-bejgħ. Għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni ma satax jibda jiddekorri kontra tagħhom. "Contra non valentem agere" — qalu l-appellanti — "non currit praescriptio."

Il-prinċipju rakkjuż f'din l-aforisma jidher li kien jirċevi mill-Qrati u d-dottrina applikazzjoni l-aktar svarjata għal kull xorta ta' mpediment ta' dritt jew ta' fatt, fiż-żmien anterjuri għall-modifikazzjoni tal-liġijiet dwar il-preskrizzjoni. Fi żmien posterjuri qamu dissensi kbar dwar il-validita u l-applikazzjoni tiegħu. Kien hemm dawk li nnegawlu b'mod assolut kwalunkwe effikaċja in kwantu li ma rrikonoxxewx ħlief l-impedimenti espressament miktuba fil-liġi (e.g. Laurent Vol. XXXII § 39 et. seq.). Oħrajn, bħal Giorgi (Vol. VIII § 245 et seq.) illimitaw l-applikazzjoni tiegħu għall-impedimenti ta' natura ġuridika jew legali biss, u mhux ukoll għall-ostakoli merament ta' fatt huma x'inhuma. Oħrajn, fl-aħħarnett, akkoljew dak il-massima tradizzjonali relativament tant għall-ostakoli ta' fatt u rriduċew il-kwis-

tjoni għal riċerka tal-limiti li fihom setgħat, konsistement mal-liġi, tiġi applikata. Fost dawn ta' l-aħħar kien Pugliese (Prescrizione Estintiva E. 1914 § 96-97). Hu għallem illi d-determinazzjoni tal-konfini li fihom il-massima topera m'hix vinkolata "ad una misura preventivamente stabilita ed inflessibile, ma varia da caso a caso, da luogo a luogo, da tempo a tempo:" Iżda hu neċessarju illi, si tratta, f'kull każ, ta' vera forza maġġuri: "quindi apparisce anzi tutto necessario che l'impedimento sia di tale energia da togliere in modo assoluto la possibilita di agire. La difficolta anche massima non puo bastare . . . La impossibilita di agire deve essere indipendente dalla volonta del titolare del diritto, deve cioe derivare da una causa a lui estranea, che egli non possa rimuovere e alla cui azione non possa sottrarsi. Quando concorrono cotali requisiti, l'impedimento fa luogo alla sospensione della prescrizione con tutti i correlativi effetti.

Quddiem il-Qorti tagħna, il-kwistjoni ma tidherx illi pprezentat ruħha għad-deċiżżjoni formali drabi biżżejjed biex jista' jingħad illi ġiet stabbilita ġurisprudenza f'sens milli pjuttost f'ieħor minn dawk hawn fuq imsemmija. Jidher pero li jista' jingħad b'ċerta assigurazzjoni illi l-Qrati tagħna urew ruħhom disposti li jagħtu effett lill-massima "contra non valutem agire", almenu żgur għal dawk li huma mpedimenti ta' dritt (cfr. e.g. "Bianco vs. Demarco" App. Kummerċ. 2.6.1930 u "Koludioviah vs. Muscat" App. Kummerċ. 1.6.1959).

Għandu jiġi osservat illi l-liġi tagħna, b'disposizzjoni espressa, tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tiddekorri mill-ġurnata li fiha dina l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Din hi raġuni għaliex għandha tiġi gwardata b'ċirkospezzjoni d-dottrina u l-ġurisprudenza estera bażati fuq liġijiet fejn m'hemmx disposizzjoni espressa simili.

Fil-każ preżenti l-Qorti ma tħossx il-bżonn li tiddeċiedi definitivament jekk, skond il-liġi tagħna, għandhomx ukoll jiġu ammessi, bħala kawża oġġettiva ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-impedimenti ta' fatt. Tista' pero tgħid illi, anki jekk dawn huma ammessi, dan żgur ma jistax ikun oltre il-konfini traċċjati minn Pugliese kif imsemmi hawn fuq.

Jekk stess għall-każ tagħna tiġi applikata din id-dottrina — li hi l-aktar waħda favorevoli għall-appellant — jidher, b'dana kollu, ċar mill-ewwel, li ma tistax, fl-ebda sens veru; jingħad illi kien hemm impossibilita li jaġixxu, impossibilita indipendenti mill-volonta tagħhom dovuta għall-kawża estranea li huma ma setgħux jirrimuovi. Is-sempliċi injoranza tad-dritt, fiha nnifisha, mhix impediment ta' din ix-xorta.

Almenu kif għalqet is-sena finanzjarja in kwistjoni u, xi ġurnata jew jumejn wara, huma kellhom ir-rapport ta' li "stock-taking" f'idejhom, bl-informazzjonijiet illi tul il-kors tas-sena l-appellat kien jagħti perjodikament lill-iskrivan tas-soċjeta, l-appellanti jew il-predeċessuri tagħhom fil-kariga setgħu, kieku kienu soluti u kuranti tar-responsabbilita afdata lill-Kumitat mis-soċi, jittendu jekk kienx hemm nuqqas ta' ħlasijiet. Din ma kienetx xi azjenda kbira u komplikata: mill-Balance Sheet jidher li, ħlief dan in-negozju tal-ġwies, ma kellux negozji oħra. Mix-xhieda ta' Robert Soler li kien is-Segretarju tas-Soċjeta jidher illi x-xogħol li jwassal għar-rendikont sata jimbeda mill-għada li spiċċat is-sena. Kull ma kien ikun jonqos, biex tagħlaq il-kotba kienu l-opening balances li setgħu — preżumibilment anki b'telefonata — jiġu ottenuti mid-Dipartiment ta' l-Kooperativi. Kieku dan sar, kif messu jsir, in-nuqqas kien jiġi skopert dak iż-żmien. Invece għaddew aktar minn sentejn, sa kemm apparentement dak in-nuqqas ġie misjub wara ċ-'checking tal-kotba' li sar minn dak id-Dipartiment.

Kieku kulħadd għamel id-dover tiegħu kif messu l-azzjoni kienet tkun tista' tiġi eżerċitata almenu wara ftit ġranet mill-għeluq ta' dik is-sena. Setgħat tiġi eżerċitata anki sa ħames snin minn dak iż-żmien. Invece l-appellanti ma aġixxewx ħlief wara illi ż-żmien tal-preskrizzjoni kien għalaq.

Kieku kienu attenti l-appellanti setgħu anki nterrompew il-preskrizzjoni meta ppreżentaw l-ittra uffiċċjali, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, fl-għaxra ta' Ġunju, 1959, meta l-preskrizzjoni kien għad ma għalqetx. Dik l-ittra uffiċjali tidher li ma ġietx notifikata: imma, apparti li apparentement ma sar ebda tentativ ieħor biex tiġi notifikata, nonostante li ż-żmien tal-preskrizzjoni kien qed joqrob biex jagħlaq, l-appellanti setgħu in pessima ipotesi jinqdew, kieku riedu bir-rimedju provdut fl-artikolu 894 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili: imma anqas dan ma sar.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbgħat lir-Reġistratur tal-Kooperativi.